**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 89

**Data tal-laqgħa: It-Tnejn 29 ta' April 2019**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku (waslet fil-5.25pm)
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Massimo Scerri – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv (Deputat SE)

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

## 89.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

89.1.1 Is-Sindku, infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Massimo Scerri mhux ser jattendi għal-laqgħa peress li jinsab ma jiflaħx. Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-assenza tiegħu.

## 89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 88

89.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-Tmienja u Tmenin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

89.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

89.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Kunsillier Salvu Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 89.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

89.3.1.1 **Para 88.3.3 – Talba biex issir tabella *'Don't park on culvert'***
Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur infurmana li fejn ġie ssuġġerit li jeħlu r-*reflectors,* kif jitwaħħlu se jkissruhom mill-ewwel u għalhekk ma ġewx imwaħħla.

89.3.1.2 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, insistiet li jitwaħħlu xorta. Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu.

89.3.2 **Para 88.10.3 – Arblu mgħawweġ fi Triq Ħalmann**
Ġie nnutat li l-arblu tneħħewlu l-*wires* minn miegħu pero' l-arblu ma ġiex irranġat. Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, talbet li jekk ma nsibux ta' min hu l-arblu, ninfurmaw lill-kuntrattur tal-Kunsill li jsewwi l-bozoz biex ineħħih hu, u nużawh biex tiġi nstallata waħda mill-bozoz ġodda fuqhu.

## 89.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

89.4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li flimkien mal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia u l-impjegati tal-Kunsill, attendew għat-tnedija tal-ktieb li ġie ppubblikat mir-Reġjun Ċentru.

89.4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-ex-Kunsillier Dr Marc Sant ta xi fuljetti dwar *Legal Aid* biex jitpoġġew għall-attenzjoni tar-resident fl-uffiċċju tal-Kunsill.

89.4.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li qalet li tkellmet mad-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett li l-Kunsill ippropona biex jitwettaq bin-*Norwegian Funds,* fejn qalilha li dan ġie milqugħ u li, għalkemm m'għandna xejn bil-miktub, nistgħu inħabbruh mar-residenti. Is-Sindku qalet li issa sta għall-Kunsill il-ġdid li jkompli fuq dan il-proġett.

89.4.3.2 Is-Sindku qalet li dan il-proġett se jkun fuq art tal-gvern viċin il-mitħna l-antika. Dan jikkonsisti minn serra, *lecture hall*, li tista' tintuża wkoll bħala sala tal-komunita' u parkeġġ. Hawn it-tfal tal-iskola, kif ukoll il-pubbliku, jistgħu jitgħallmu kif ikabbru l-ħxejjex u l-ħxejjex bil-metodu *hydroponic* (bl-ilma).

**F'dan il-ħin (5.20pm) daħlet il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar għal-laqgħa.**

89.4.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill lix-xogħlijiet ta' tiswija tas-*safety tiles* u apparat ieħor tal-bandli ġie ordnat. Din l-ispiża ser tiġi ffinanzjata mill-Kunsill għax l-*accountant* ikkonfermat li hemm biżżejjed fondi.

## 89.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

89.5.1 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li, flimkien mas-Sindku saret spezzjoni fi Triq Nikola Kottoner u Triq tal-Mirakli, fejn ġiet identifikata kaxxa bajda kbira f'kull triq, li jistgħu jiġu f'żewġ *parking bays*. Qalet ukoll li fejn il-*parking* bay ta' Triq Nikola Kottoner hemm żewġ *yellow*

*lines* li jridu jsiru.

89.5.2 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li filwaqt li tifhem li l-ħaddiema m'għandhomx apparat biex jaħdmu, biċċa xogħol bħal *patching*, xorta għadha ssir bl-aħjar mod possibbli. Qalet li xi residenti gergru, minħabba l-fatt li meta għamlu *patching* fi Triq Nikola Kottoner u Sqaq il-Kunċizzjoni, dawn qabdu u tefgħu it-*tarmac* dirett fil-ħofor mingħajr ma naddfu l-ħofra u d-dawra miż-żrar li kien hemm. Hekk it-*tarmac* jinqalgħa mal-ewwel karozza li tgħaddi minn fuqu.

89.5.3 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill fit-tarf ta' Sqaq il-Kunċizzjoni hemm bżonn li ssir kaxxa bajda fil-kantuniera għax karozzi qed jipparkjaw u jaqilgħu iċ-ċitazzjonijiet. Ser ssir spezzjoni tal-*area* mas-Sindku.

## 89.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

89.6.1.1 **<u>Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018</u>**
Id-Deputat SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018 kif emendat wara li sar l-*Audit*. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sa Marisa Ciappara, kienet preżenti u tat spjegazzjoni dettaljata fuq l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

89.6.1.2

L-*accountant* qalet li din is-sena kellhom jiġu implimentati struzzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'Direttiva Numru 1/2017 - *Accounting Treatment* ta' Assi Fissi (*Non-Current Assets*). Dawn jinkludu tibdil fil-metodu tad-*depreciation* u *Government Grants.*

89.6.1.3

L-*accountant* spjegat kif dawn il-bidliet, speċjalment il-bidla fil-metodu tad-*depreciation,* affettwaw drastikament ir-rapport tad-dħul u l-ħruġ peress li, skond kif indikaw l-awdituri, għal din is-sena biss, kellu jiġi mgħoddi l-ammont ta' €80,133 bħala *depriciation.* Dan irriżulta f'*surplus* minimu ta' €1,295. L-*accountant* qalet li, għalkemm din is-sena l-Kunsill kellu *surplus* baxx*,* il-Kunsill xorta jinsab
89.6.1.4 f'qagħda finanzjarja tajba.

Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Stephanie
89.6.1.5 Cutajar, ir-rapport ġie approvat unanimament.

L-*accountant* irrakkomandat li l-Kunsill ma jagħmilx proġetti ġodda oħra u għalissa jimxi mal-*budget* tas-sena.

## 89.7 *One-Way System* fi Triq Annibale Preca

89.7.1 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa bejn it-tliet Kunsilli kkonċernati u uffiċjali ta' TM fuq din il-kwistjoni. Waqt din il-laqgħa ġie deċiż li l-*One-Way System* tiġi sospiża sakemm isiru aktar diskussjonijiet. Sadanittant, TM ser ikunu qed jagħmlu studju fuq kif ser jiġu affetwati t-toroq tal-madwar jekk tiġi implimentata din is-sistema.

89.7.2 Is-Sindku qalet li suppost dalwaqt jibda l-proġett *'Share the Road',* fejn qed nisperaw li din ittaffi l-problema ta' Triq Annibale Preca.

89.7.3 Il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar qalet li qed tinħoloq konġestjoni ftit l'isfel mill-istatwa tal-Madonna, peress li qed jipparkjaw 4 karozzi minflok 3. Apparti minn hekk, min ikun nieżel u min ikun tiela', ma jċedux u b'hekk qed tinħoloq il-konġestjoni. Ser isir *refresh* tar-*road markings* tal-parking bays u tad-*dyl.*

89.7.4

Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-TM b'din il-problema, biex jissuġġerulna x'jista' jsir f'din il-parti biex tittaffa' l-problema ta' konġestjoni f'din il-parti.

## 89.8 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

89.8.1 ***<u>Rural Development Programme Measure 4.4</u>***
Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni biex jiġi rranġati l-ħitan tas-sejjieħ ġie *rejected* għax meta ġiet sottomessa kellha dokument nieqes. Il-Kunsill ser jerġa' japplika għax hemm sejħa oħra miftuħa.

89.8.2

***<u>Petty Cash Float</u>***
Id-Deputat SE talbet li l-*Petty Cash Float* jiżdied minn €23.29 għal €200 għax l-ammont m`għadux adekwat. Il-Kunsill unanimament approva.

89.8.3.1

**_Tender for the Services of an Accountant and Accounting Technician_ – LLC/02/2019 u _Tender for the Upkeep and Maintenance Services of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices_ – LLC/03/2018**

Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill lis-sejħa għall-offerti għat-*Tender for the Services of an Accountant and Accounting Technician* – LLC/02/2019 u għat-*Tender for the Upkeep and Maintenance Services of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* – LLC/03/2018, ħarġu u ser jagħlqu fid-9 ta' Mejju 2019.

89.8.3.2

Il-Kunsill qabel li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni se magħmul minn dawn il-membri:
*Chairperson*: Is-Sindku Magda Magri Naudi
Evalwaturi: Ser jiġi ċċekjat jekk l-evalwaturi li evalwaw it-*Tenders* preċedenti humiex disponibbli jekk le nsibu evalwaturi oħra.

89.8.4.1

**_Papplewick School Choir_**

Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li rċivejna *invoice* li tammonta għal €36.75c rigward stampar ta' *poster* biex jippromwovi l-kuntċert li sar fis-17 ta' Frar 2019.

89.8.4.2

Is-Sindku qalet li din l-ispiża kienet ġiet approvata mill-Kunsill pero' ma kinitx tniżżlet fil-minuti u għalhekk il-Kunsill unanimament approva li jsir il-ħlas.

89.8.5.1

**Ċirkulari AKL 2019/037 – _2019 EU Health Award for cities, NGOs and schools_**

Ġiet innutat Ċirkulari AKL 2019/037 – *2019 EU Health Award for cities, NGOs and schools* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

89.8.5.2

Din iċ-Ċirkulari ser tintbagħat għall-attenzjoni tal-iskola Primarja. Apparti minn hekk, ser jiġi ċċekjat x'tirrikjedi biex il-Kunsill japplika, u jekk l-iskola Primarja tkun interessata li tipparteċipa, l-Kunsill jista' jingħaqad magħhom.

89.8.6.1

**Ċirkulari AKL 2019/038 – _Malta Pride Initiative_ 2019**

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/038 – *Malta Pride Initiative* 2019 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

89.8.6.2

Il-Kunsill idduskuta u qabel li jieħu sehem f'din l-inizjattiva billi jinżebagħ il-bank li hemm fit-tarf ta' Triq id-dejqa bil-kuluri tal-qawsalla.

89.8.7.1

**Ċirkulari AKL 2019/012 – Ħatra ta' DPO Temporanju**

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/010 – Ħatra ta' DPO Temporanju mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, fejn qed jinfurmaw lill-Kunsilli li l-ħatra tas-Sur Ian Magro bħala DPO ta' diversi Kunsilli ser tkun sal-aħħar ta' Mejju u l-Kunsilli jridu jaħtru DPO ieħor.

89.8.7.2

Id-Deputat SE se ġġib kwotazzjonijiet għas-servizz ta' DPO għal perjodu ta' sena.

89.8.8.1

**Ċirkulari SPI/07/2019 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni**

Ġiet innutata Ċirkulari SPI/07/2019 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta'
89.8.8.2 Irrigazzjoni mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

89.8.9.1 Il-Kunsill qabel li napplikaw għall-Ġnien Rikreattiv.

**Tiġdid tal-kuntratt tal-iskrivana**

Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill l-iskrivana *part-time* kien ser jiskadilha l-kuntratt tal-impjieg tagħha
89.8.9.2 fil-15 ta' Mejju 2019.

89.8.10.1 Il-Kunsill approva t-tiġdid ta' dan il-kuntratt għal tliet snin oħra.

**Talba biex Trejqet Kleriku Ġakbu Abela issir _one-way_**

Ġew innutati r-risposti tar-residenti, kif ukoll tal-bdiewa li għandhom l-għalqa f'din it-triq dwar it-talba
89.8.10.2 li kien għaddha resident biex din it-triq issir *one-way.*

Id-Deputat SE infurmat li kien hemm 9 li qablu ma' din it-talba u 27 li ma qablux. Għalhekk, il-Kunsill
89.8.10.3 qabel li t-triq għandha tibqa' kif inhi.

Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li resident minn din it-triq kien talab li ssir *sleeping policeman* fejn id-dar tiegħu minħabba vetturi li qed jgħaddu b'veloċita' qawwija mit-triq. Se
89.8.11.1 tiġi ċċekjata l-*area* biex naraw jekk fejn qed jitlob mhu ser ittellef lill-ħadd u napplikaw għal permess

ma' TM.

**Triq Depiro Gourgion**

89.8.11.2 Resident qed jitlob biex il-Kunsill ikellem lil TM rigward meta ser isir il-parti ta' ġewwa ta' Triq Depiro Gourgion.

89.8.12 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li dwar dan kienet diġa' staqsiet, fejn infurmawha li l-ewwel iridu jsiru t-toroq ippjananti fuq Ħal Lija, biex jaraw toroq oħra.

***GreenPak's Local Council Awards***

89.8.13.1 Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-GreenPak dwar il-*GreenPak's Local Council Awards*. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat in-nominazzjoni għall-premju *Most Supportive Locality Award.*

**Applikazzjoni għal *Reserved Parking* fi Triq il-Kbira**

89.8.13.2 Ġiet innutata l-applikazzjoni tat-TM ta' residenta biex issir *reserved parking bay* viċin ir-residenza tagħha fi Triq il-Kbira.

89.8.14 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, pero' ser tiġi ċċekjata l-*area* biex inkunu ċerti jekk għandhiex garaxx.

**Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *paper shredder***

89.8.15.1 Id-Deputat SE ressqet 3 kwotazzjonijiet li ġabet għax-xiri ta' *paper shredder.* Il-Kunsill unanimament approva l-irħas kwotazzjoni.

**Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *microwave* u magna tal-kafe' għall-uffiċċju**

89.8.15.2 Id-Deputat SE ressqet 3 kwotazzjonijiet li ġabet għax-xiri ta' *microwave.* Il-Kunsill unanimament approva l-irħas kwotazzjoni.

89.8.16.1 Id-Deputat SE ressqet 3 kwotazzjonijiet li ġabet għax-xiri ta' magna tal-kafe'. Is-Sindku qalet li hi mhux għal dan it-tip ta' magni tal-kafe' kienet qed tirreferi imma għal *cafetier (plunger)*. Għalhekk, din il-kwotazzjoni ma ġietx approvata u ser tinxtara *cafetier (plunger)*.

**Kwotazzjoni ta' bozoz ġodda**

89.8.16.2 Fl-aħħar laqgħa ġew imresqin talbiet għal 3 bozoz ġodda. Id-Deputat SE ressqet kwotazzjoni ta' bozza ġdida fuq arblu (€1,223.66) u bozza ġdida fuq *bracket* (€256.06). Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li dawn isiru fuq *pole*.

89.8.16.3 Id-Deputat SE qalet li l-kuntratt tal-manutenzjoni tal-bozoz skada u qed jaħdmu b'*Direct Order,* u għalhekk tal-parir li nistennew kuntratt ġdid biex jiġu nstallati dawn il-bozoz għax jekk ninstallawhom issa it-*threshold* ta' €5,000 ser tiġi wżata mill-ewwel u ma jkunx hemm minn fejn isir manutenzjoni ta' bozoz li jiġu rrapurtati bil-ħsara. Qalet ukoll, li kienu qed jaħdmu biex tinħareġ sejħa għall-offerti.

89.8.16.4 Il-*Minority Leader* insistiet li jsiru xorta. Id-Deputat SE qalet li hi fl-obbligu li tesegwixxi l-ordnijiet tal-Kunsill u li jekk japprovaw, jiġu ordnati dawn il-bozoz, pero' hi ukoll għandha l-obbligu li timxi mal-liġi u għalhekk, kif l-ispejjeż ta' dawn il-bozoz ġodda flimkien mal-manutenzjoni ta' bozoz jilħqu l-€5,000, mhux ser tkun qed tawtorizza li jiġu rranġati bozoz oħra, u bozoz jibqgħu bil-ħsara sakemm jiġi *awarded tender* ġdid.

89.8.17.1 Is-Sindku pproponiet, li nistennew li joħroġ it-*tender,* u dawn il-bozoz ġodda jsiru kif jiġi *awarded tender* ġdid. F'dan ir-rigward ġie deċiż li nistennew li tinħareġ is-sejħa għall-offerti u f'każ li l-kont tax-xahar ta' April ma jiġi għoli, il-Kunsill jikkunsidra li għallinqas issir il-bozza l-ġdida ta' Triq il-Maħlut.

**Talba għal kumpens għal ħsara li għamel fuq il-vettura**

89.8.17.2 Resident qed jerġa' jressaq talba għall-kumpens għal ħsara li għamel fuq il-vettura tiegħu (barxa mal-qiegħ) konsegwenza ta' ħofra li ma kinitx tidher bl-ilma tax-xita fi Trejqet il-Kleriku Ġakbu Abela. L-ispejjeż jammontaw €170.00. Ir-resident qal li jekk dan ma jsirx, se jfittex lill-Kunsill kollu speċjalment lill-firmaturi li f'dak iż-żmien iffirmaw iċ-ċekk tax-xogħlijiet li kien sar bil-konkos f'dik it-triq f'Awwissu. Huwa qed jgħid li sar xogħol ħażin u li ma missux inqala' f'tant qasir żmien.

89.8.18 Id-Deputat SE qalet li, iċċekjat ma' tal-*insurance* fejn qalulha li l-Kunsill irid iħallas €500.00 biex tinfetaħ *claim* magħhom. Ġie nnutat li, il-Kunsill ma jistax jikkonferma jekk fejn iġġarbet il-ħsara hux l-istess post li kien sar il-konkos mill-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill, għax issa sar xogħol ta' *re-surfacing* minn IM u għalhekk, il-Kunsill approva din it-talba u ser iħallas il-kumpens dejjem jekk ir-resident jipprovdi d-dokumentazzjoni meħtieġa.

89.8.19

***Parking bays* fi Triq Nazju Cortis**

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellmuha xi nies biex jitwessaw il-*parking bays* ta' Triq Nazju Cortis għax bilkemm joqgħodu fejn xulxin. Il-Kunsill approva.

89.8.20.1 **<u>Vaska fil-*playingfield* tal-Mirakli</u>**
Resident qed jipproponi li jagħmel vaska kbira fil-*playing* tal-Mirakli, fejn ikun jista' jpoġġi ħut fiha. Jekk il-Kunsill japprova, ir-resident ser ikun qed iħallas l-ispejjeż kollha biex tinbena, kif ukoll ser ikun qed jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha. Il-Kunsill approva, filwaqt li jirringrazzja lir-resident ta' din l-inizjattiva.

**<u>Talba għal tabelli fi Triq Preziosi</u>**
89.8.20.2 Residenta qed titlob biex teħel tabella fi Triq Preziosi biex turi li ċertu vetturi biss ta' ċertu għoli jistgħu jidħlu, minħabba lit-triq dejqa. Ir-resident qalet li diġa' hemm tabella biex fi Triq Preziosi ma jidħlux trakkijiet imma dawn xorta qed jidħlu u forsi tabella b'*Max height,* jkun jista' jsir infurzar. Ir-
89.8.21.1 residenta qalet li kellha tmur tagħmel rapport l-għassa għax fis-7 ta' Marzu 2019, x'ħin waslet lura d-dar mix-xogħol sabet il-faċċata milquta bit-tarġa tal-bieb kollha mkissra u bir-roti mmarkati ta' xi trakk kbir li daħal fit-triq.

89.8.21.2 Il-Kunsill approva li jsiru żewġ tabelli peress lit-triq hija *two-way*. Jekk jista' jkun dawn it-tabelli jeħlu ma' arbli ta' tabelli eżistenti.

**<u>Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq Annibale Preca</u>**
Residenta qed titlob li ssir *sleeping policeman* fi Triq Annibale Preca eżatti quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp. F'din il-parti diġa' hemm *SLOW* mal-art pero' din mhix effettiva għax il-vetturi xorta jitilgħu
89.8.22.1 bi *speed* qawwi.

Din it-talba ma ġietx approvata għar-raġuni li diġa' hemm waħda ftit il'fuq. Il-Kunsill xtaq jirrimarka li fil-futur qarib TM se tibda proġett bit-tema *'Share the Road'* f'diversi lokalitajiet madwar Malta, fejn
89.8.23.1 Ħal Lija se tkun waħda minn dawn il-lokalitajiet li se tieħu sehem f'din l-inizjattiva. Matul dan il-proġett, *CCTV cameras* ser jiġu installati f'diversi akwati biex jimmonitorjaw it-traffiku u sitwazzjonijiet simili. Jekk dan il-proġett jirnexxi ma jkunx hemm bżonn li tiġi nstallata *sleeping policeman.*

**<u>Talba biex jitneħħa xi *parking* minn Triq Giuseppe Cali</u>**
89.8.23.2 Resident qed jitlob li titneħħa jew il-*parking* bay jew l-*MC Bay* minn faċċata peress li qed isibu diffikulta' biex jidħlu / joħroġu mill-garaxx fi Triq Giuseppe Cali peress lit-triq dejqa. Ser tiġi ċċekjata
89.8.24.1 l-*area.*

**<u>Talba biex issir *un/loading bay* quddiem l-entratura tal-*ground* tal-*football*</u>**
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-President tal-*Balzan FC,* fejn qed jinfurmaw li filwaqt li jibdew jużaw l-entratura minn naħa ta' Triq Robert Mifsud Bonnici, qed jitolbu li ssir *un/loading bay* (minflok
89.8.24.2 2 parking *bays)* biex il-ġentituri jkollhom fejn jieqfu biex iniżżlu t-tfal tagħhom. Dan peress lit-triq tintuża frekwentament u għalhekk tista' tkun ta' periklu għat-tfal.

Din it-talba ġiet approvata mill-Kunsill, pero' dawn ikunu riservati biss fil-ħinijiet li jkollhom it-*training*.

89.8.24.3 **<u>Ħofor fit-trejqa li minn Triq N. Cottoner tmur għal Sqaq Nru. 1, Triq Sant'Andrija</u>**
Resident qed jitlob lill-Kunsill biex it-trejqa li minn Triq N. Cottoner tmur għal Sqaq Nru.1, Triq Sant'Andrija ssir bit-*tarmac* għax meta kien sar Sqaq nru.1 bit-*tarmac* mill-WSC, il-parti ta' fuq ma
89.8.25.1 saritx. Hu qiegħed jitlob dan għaliex it-triq hija kollha ħofor.

Id-Deputat SE irrimarkat li fejn qed jitlob ir-resident, hemm bżonn li tinqala' t-triq u mhux isir *patching* biss. Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li meta biex tittaffa ftit il-problema, għalinqas irid isir *patching* sew. Dan billi meta jkun ser isir, jitpoġġew tabelli tan-*No Parking* biex ħadd ma jipparkja u l-ħofor jinkinsu sew miż-żrar qabel jintlew.

89.8.25.2 Il-Kunsill qabel li jsir *patching.* Ġiet innutat ukoll li hemm bżonn li jsir *patching* fi Sqaq Nru. 1, Triq il-Kunċizzjoni u fi Triq il-Mitħna (il'fuq miill-kappella tal-Kunċizzjoni, fejn tidjiq it-triq).

**<u>Talba biex titwessa' l-bankina ta' quddiem 56/58, Triq il-Kunċizzjoni</u>**
89.8.26.1 Residenta qed titlob il-permess tal-Kunsill biex twessa' ftit il-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha fi Triq il-Kunċizzjoni minn 60cm għal 100cm. Dan għaliex peress li l-bankina dejqa, meta qed jipparkjaw il-karozzi jostakolaw il-bankina kollha, kif ukoll l-aċċess għar-residenza tagħha. Ir-residenta diġa' għandha permess tat-*trenching* biex tagħmel *culvert*, u għalhekk jekk il-Kunsill jaċċetta, fl-istess ħin tkun tista' twessa' l-bankina għas-spejjeż tagħha.

89.8.26.2

Il-Kunsill ser jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex issir spezzjoni tal-akwati u jekk jikkonfermalna lit-triq mhux

89.8.27.1 ser tiġi ostakolata bil-karozzi pparkjati jekk titwessa' l-bankina (peress lit-triq dejqa u jipparkjaw fiha), il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li titwessa' l-bankina.

**Talba biex isiru *double yellow lines* fi Triq Annibale Preca**

89.8.27.2 Resident qed iressaq żewġ talbiet ta' dyl fi Triq Annibale Preca. Wieħed quddiem grada abbandunata u ma tintużax u l-ieħor ma' ġenb wieħed tal-garaxx tiegħu. Dan għaliex meta jipparkjaw il-karozza kemm quddiem il-grada l-abbandunata u kemm mal-koxxa tal-garaxx tiegħu

89.8.28.1 huwa ma jkunx jista joħroġ mid-daħla.

Il-Kunsill approva li jsiru dawn id-*dyl.*

89.8.28.2 **Kompartament għall-iskart f'Ta' Senna**

F'Diċembru 2018, il-Kunsill kien iddeċieda li jsir kompartament imdawwar bil-metall bħal ma' hemm fejn il-*Housing Estate,* biex ir-residenti tal-akwati jitfgħu l-iskart fih biex umbgħad jinġabar mill-kuntrattur.

Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia talbet nibgħatu ittra lir-residenti tal-akwati biex nindikawlhom fejn ġej dan il-kontenitur u biex ir-residenti jkunu infurmati li jridu jibdew jpoġġu l-boroż fih.

**Applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA**

Is-Sindku ressqet lista tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Fuq PA/02913/19, il-Kunsill innotata li din applikazzjoni ġdida għal żvilupp tas-sit 216, Triq Annibale Preca k/m Triq Sant'Antnin, għax applikazzjoni PA/06379/18 kienet ġiet rifjutata. Il-Kunsill qabel li tiġi sottomessa oġġezzjoni oħra a bażi tal-oġġezzjoni li l-Kunsill kien issottometa fuq PA/11220/18.

## 89.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

89.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 4/19 li tinkludi l-ammont ta' €16.50 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda.

89.9.2

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha minbarra ċekk numru 14018 pagabbli lill-WM Environmental Ltd li jammonta għal €608.00 peress li x-xogħljiet pendenti għadhom ma sarux.

## 89.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

89.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35pm.

89.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2019 fil-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2019.

Dawn il-minuti ġew ippreparati mid- Deputat Segretarju Eżekuttiv preċedenti, Doriette Farrugia.

**IFFIRMATA**

Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**

Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv